**Santa Luċija**
**Minuti**

**Disà Leġislatura**

**Laqgħa Numru 30/2026**
**22 ta' April 2026**

**Il-Kunsill Lokali ta' Santa Luċija ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab 5/6 Binja tal-Faqqani, Trejqet il-Ġirasol, Santa Luċija fil-5:15p.m.**

**PREŻENTI:**
Charmaine St John – Sindku
Frederick Cutajar – Viċi Sindku
Kylie D'Amato – Kunsillier
Liam Sciberras – Kunsillier

**ASSENTI b'APOLOĠIJA (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**
Connie Debattista – Kunsillier

**ASSENTI**
NIL

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**
Bernice Darmanin – Segretarju Eżekuttiv

**MINUTI:**

**30.1 Qari tal-ittri ta' apoloġija**
Il-Kunsilliera Connie Debattista talbet li tiġi skużata.

**30.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti nru. 28, 29 u tal-Laqgħa Annwali April 2026**
Il-Minuti ġew iċċirkolati qabel is-Seduta u ġew meqjusa bħala moqrija.

Il-Kunsillier Sciberras talab li jsiru dawn l-emendi għall-Minuti 28.6; 28.9.15; 28.9.19

Is-Sindku infurmat li ser jiġi iċċekkjat x'intqal eżatt sabiex jiġu miżjuda mal-minuti jekk ġew imsemmija.

**28.6 taħt Triq Bwieraq tiġi miżjuda:** Fl-istess waqt il-Kunsillier Sciberras talab li ssir sistema ta' gutters fi Triq il-Bwieraq għaliex l'ilma ta' ċertu djar qed imur anke fid-drainage. Il-Kunsillier Sciberras kjarifika li l-gutter irid isir mat-triq kollha. Is-Sindku infurmat li ser jinġibu l-kwotazzjojijiet.

**28.6.19 jiġi irranġat u miżjud il-kliem:** Il-Kunsillier Sciberras talab li l-Kunsill joħroġ stqarrija u tiġi indirizzata lill-PA għal mod kif il-bord trattat il-każ fl-aħħar seduta u jiġi ikundanat l-atteġġjament tal-bord. Is-Sindku ma qablitx li tinħareġ stqarrija.

Il-Minuti 28 ġew approvati bl-emendi mill-Kunsillier Sciberras u l-Viċi Sindku
Il-Minuti 29 ġew approvati mill-Kunsilliera D'Amato u l-Kunsillier Sciberras

Il-Minuti tal-Laqgħa Annwali April 2026 ġew approvati mill-Viċi Sindku u l-Kunsilliera D'Amato.

**30.3 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda tal-Pagamenti 30/2025**
L-iskeda ġiet iċċirkolata qabel is-Seduta u ġiet meqjusa bħala moqrija. Is-Sindku infurmat li Item 1 għadu ma tħallasx l-ammont kollhu minħabba li ta' servizz mhux sodisfaċenti. Is-SE infurmat li ġie miżjud l-kont tal-Melita. L-iskeda ġiet approvata mill-Kunsilliera D'Amato u l-Kunsillier Sciberras.

Is-Sindku għaddiet mozzjoni sabiex jiġi diskuss 30.6 sakemm l-accountant ikun jistà jidħol online. Il-Kunsill approva unanimament.

**30.6 Skemi maħruġa mis-Segretarjat Parlamentari għal Gvern Lokali u Project Green**
L-Iskemi ġew iċċirkolati qabel is-Seduta u ġew meqjusa bħala moqrija. Is-Sindku infurmat li fit-23 ta' April 2026 ser issir laqgħa mas-Sur Gaffarena minħabba l-attività kulturali, fejn ser tiġi diskussa l-possibiltà li tinbidel il-ġurnata minħabba loġistika. Is-Sindku stiednet lill-Kunsilliera għal laqgħa.

**SPI/02/2026 – Lokalitajiet aktar nodfa:** L-attività ser issir fid-19 ta' Settembru 2026 u ser jiġi mnaddaf Wied Garnaw. Bħala affarijiet li ser jinxtraw huma: bins, ingwanti, ilma għall-parteċipanti, dog poo bags, u tabelli li ser jitwaħħlu madwar Santa Luċija rigward l-indafa.

**SPI/03/2026 – Milied**: Is-Sindku issuġġeriet li jsir kunċert flimkien mal-Angelic Voices, Aqra Miegħi b'tema tal-Milied, Santa Luċija inkluż ġnien is-Serenità jiġi mdawwal b'dawl dekorattiv tal-Milied. Il-Kunsill approva.

**Project Green** – Ġie maqbul li jsir embellishment tad-dog park li jinkludi: double gate, cameras, gravel, dogbins, tunnel u water fountain. Is-Sindku infurmat wara li tkellmet mal-Kunsilliera Debattista sabiex titneħħa s-seasaw peress li kienet qed tiġu użata b'mob abbużiv.

L-iskemi l-oħra ser jiġu diskussa fis-seduta li jmiss.

Il-Kunsillier Sciberras talab li napplikaw għall-lifts jew proġetti oħra li jgħinu fil-mobilità għal Blokks 1-7 (minbarra Blokk 2). Is-Sindku infurmat li ser torganizza laqgħa mal-HA sabiex tagħmel din it-talba, peress li l-blokok huma tal-HA.

**30.4 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Audited Financial Statements 2025**
Id-dokumenti kollha relatati mal-Audit (inkluż il-Management Letter, Reply to Management Letter u Representation Letter) ġew iċċirkolati qabel is-Seduta u ġew meqjusa bħala moqrija. L-accountant tal-Kunsill informa li kollox baqa l-istess u li ġew mibdul huma n-nominal codes tal-pagi. Il-Kunsill approva b'mod unanimu id-dokumenti relatati mal-Audited Financial Statements 2025.

Il-Kunsillier Sciberras staqsa għalfejn l-FAR għadu ma tlestiex. Is-Sindku spjegat l-ittra tar-Reply to Management Letter.

Il-Kunsillier Sciberras talab li jsir full audit tal-Kunsill. Is-Sindku infurmat li ser jinġabru l-kwotazzjonijiet. Il-Kunsill approva.

**30.5 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tar-Rapport Amministrattiv 2025 u Pjan ta' Ħidma 2026-2031**
Dawn id-dokumenti ġew iċċirkolati qabel is-Seduta u ġew meqjusa bħala moqrija. Il-Kunsill approva b'mod unanimu.

**30.7 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Policy għall-użu tat-Trasport provdut mill-Kunsill.**
Il-policy ġiet iċċirkolata qabel is-Seduta u ġiet meqjusa bħala moqrija. Is-Sindku infurmat li saret l-emenda kif talbet il-Kunsilliera Debattista. Il-Kunsill talab li punt nru. 2 tiġi bin-numri. Il-Kunsill approva din il-policy b'mod unanimu bl-emendi. Il-Kunsill talab li din il-policy għandha tiġi mtellgħa fuq il-midja soċjali.

**30.8 Ġemellaġġ bejn il-Kunsill Lokali Santa Luċija u d-Distrett ta' Suzhou fiċ-Ċina**
Il-Viċi Sindku informa li din is-sena l-Kunsill ta' Santa Luċija u Suzhou jagħlqu 26 sena minn meta sar l-ewwel ftehim. Dan il-ġemellaġ kien l-ewwel wieħed bejn Malta u ċ-Ċina. Il-Viċi Sindku issuġeriexa li tiġi organizzata attività u ssir plakka kommemorattiva fi Ġnien is-Serenità li fiha jkunu mistiedna diversi persuni distinti. Il-Kunsill approva.

**30.9 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Bye Law ta' Ġnien is-Serenità**
Il-bye law ġiet iċċirkolata qabel is-Seduta u ġiet meqjusa bħala moqrija. Il-Kunsill approva li l-bye law l-antika tiġi revokata u ssir waħda ġdida. Il-Kunsill approva b'mod unanimu il-Bye Law il-ġdida.

**30.10 Kommunikazzjoni mis-Sindku**

**30.10.1** Is-Sindku bi pjaċir infurmat li ġie iffirmat l-MoU relatat mal-iskema tal-**Mobiltà 2024** li ħarġu t-Trasport Malta. Il-Kunsill ser jixtri 2 electric wheelchairs, scooter u żewġ rollators fejn jistgħu jiġu użati fi Ġnien is-Serenità, madwar Santa Luċija jew għal ħarġiet li jorganizza l-Kunsill.

**30.10.2** Is-Sindku infurmat li fit-23 ta' April ser issir s-seduta tal-**Krematorju** (Raħal Ġdid) u fit-30 ta' April ser issir l-appell ta' Triq il-**Ġibjun**. Rigward Triq **Ġuljetta Lopez** is-Sindku infurmat li hemm bażi fuq hix il-Kunsill jistà jappella.

**30.10.3** Il-Kunsill approva b'mod unanimu li tinbidel n-naħa tal-one way ta' **Triq il-Bwieraq**, għalhekk ser tiġi sottomessa applikazzjoni mat-TM.

**30.10.4** Wara talba tal-Kunsillier Sciberras, is-Sindku ikkjarifikat li Triq il-**Kaħwiela** ser tiġi one way biss minn Triq De Hosa (ma tistgħax tinżel lejn Triq il-Fortizza).

**30.10.5** Is-Sindku qrat talba li l-Kunsill rċieva mill-**Għaqda tan-Nar San Gabriel Ħal Tarxien** sabiex jaħarqu n-nar fil-Festa ta' Marija Annunzjata li ser issir bejn il-Ħamis 21 ta' Mejju u l-Ħadd 31 ta' Mejju 2026 fl-għelieqi magħrufin bħala l-Isqajjaq t'Isfel. Il-Kunsill qabel li joġġezzjona.

**30.10.6** Is-Sindku infurmat li l-Street Naming Committee aċċetta l-isem **Misraħ ta' Bertu** (flok Pjazza ta' Bertu) u **Spazju Rikreattiv Ta' Luċija**; Bandli Ta' Luċija ma ġiex aċċettat. Il-Kunsill approva dawn l-ismijiet. Lil lis-Street Naming Committee ser tiġu mgħoddija iżjed informazzjoni dwar Bertu.

**30.10.7** Is-Sindku qrat korrispondenza mibgħuta mill-Public Works dwar xiri ta' **telefone** għas-security li jkunu għassa filgħaxija fi Ġnien is-Serenità f'każ ta' emerġenza li jistà jinqala fil-ġnien. Il-Kunsill ma approvax li t-telephone (kemm landline u mobile) jiġi mixtri mill-Kunsill għas-security minħabba diversi abbużi.

**30.10.8** Is-Sindku infurmat li Santa Luċija ma ġiex magħżul għal **'Minn Pjazza għal Pjazza 2026'.**

**30.10.9** Is-Sindku infurmat li nhar it-Tnejn 27 ta' April 2026 ser issir laqgħa l-Kunsill mall-Gvern Lokali wara talba li saret lill-Ministru sabiex il-Kunsill jiġi mogħti l-art li tinsab **Triq Stefanotis** / Triq Katarina Vitale /

Triq il-Fortizza. Is-Sindku infurmat li l-protesta li kienet ser issir nhar il-25 ta' April ser tiġi posposta sabiex naraw x'ser jingħad matul din il-laqgħa.

**30.10.10** Is-Sindku infurmat li l-ħarġa għax-xahar ta' **Mejju** ser issir nhar id-19 ta' Mejju 2026 fejn ser iżuru l-fabbrika tal-Coca Cola. Il-Kunsill approva.

**30.10.11** Is-Sindku infurmat li għal **Jum l-Omm** ser jinxtraw 45 pjanta mingħand l-Angelic Voices għal prezz ta' €2.50 il-waħda. Il-Kunsill approva.

**30.10.12** Is-Sindku bi pjaċir infurmat li fl-4 ta' Mejju 2026 ser jinbew ix-xogħolijiet ta' bankini u toroq ġodda fi **Triq Petunja u Triq iż-Żinja**.

**30.10.13** Is-Sindku infurmat li l-aħjar offerta li l-Kunsill irċieva għall-**vending machine** li tinsab fi Ġnien is-Serenità hija minngħand Multivend għall-prezz ta' €2000 fis-sena. Il-kuntrattur preżenti ħallas €500.00 għal tlett snin. Għalhekk il-Kunsill approva li l-kiri tal-vending machine tingħata lill-Multivend. (Annex 1).

**30.10.14** Is-Sindku infurmat li l-Kunsillier Sciberras ser jieħu ħsieb l-applikazzjoni **PROSPECT**, li ġiet mibgħuta mill-AKL referenza Cir AKL 2026/027.

**30.10.15** Is-Sindku infurmat li l-Kunsill irċieva korrispondenza mingħand Climate Action Authority fejn infurmaw li ser issir l-electric vehicle charging station fi **Triq Għeneb id-Dib.**

**30.10.16** Is-Sindku talbet l-approvazzjoni tal-Kunsill għas-sit ta' fejn ser isir il-bust ta' Ray Mahoney; in-naħa l-oħra tal-monument ta' Jum il-Ħelsien fuq il-pavimentar. Il-Kunsill approva. (Annex 2)

**30.10.17** Is-Sindku infurmat li l-Kunsill applika għal proġett Ewropew għal Work Package 3: Olive Grove Climate International Workshop and Local Knowledge – **CERV**. Għal dan il-proġett il-Kunsill ġie infurmat mill-AKL referenza Cir AKL 2026/028.

**30.10.18** Is-Sindku qrat korrispondenza mibgħuda mid-Diviżjoni għall-Gvern Lokali sabiex isir **taħriġ** lill-impjegati tal-Kunsill sabiex jkunu jistgħu jassistu persuni f'każi ta' vjolenza domestika, kif ukoll taħriġ għall-pubbliku mill-BOV dwar litteriżmu finanzjaru. Il-Kunsill approva li napplikaw.

**30.10.19** Is-Sindku infurmat li l-broker tal-**insurance** li l-Kunsill jqabbad informa li l-ebda kumpanija oħra ma tat kwotazzjonijiet għall-playing field equipment apparti Laferla Insurance. Għalhekk il-kunsill qabel li l-amministrazzjoni iġib kwotazzjonijiet direttament min għand diversi kumpaniji. Fl-istess waqt is-Sindku staqsiet jekk hux possibbli jsir devaluation tal-prezz sabiex l-istima ta' €1555 għal insurance tiġi inqas. Il-Kunsill issuġġeriexa sabiex l-insurance tibda tiġi mdaħħla fil-BOQ għal meta napplikaw għall-iskemi.

**30.10.20** Il-minuti tal-laqgħa li saret mas-**Sur Gaffarena** ġew mgħoddija qabel is-Seduta u ġiet meqjusa bħala moqrija (Annex 3). Is-Sindku infurmat li ser issir laqgħa mas-Sur Gaffarena nhar it-23 ta' April fid-9.15am peress li ġie mitlub li tinbidel id-data minħabba loġistika. Il-Kunsilliera talbu li ssir online ukoll.

Is-Seduta ġiet sospiża għal ftit minuti.

**30.10.21** Is-Sindku u l-Kunsillier Sciberras talbu li ssir laqgħa mal-kuntrattur li kellhu l-irħas offerta għat-**tender tal-ġonna**. Din il-laqgħa ser issir nhar is-Sibt 9 ta' Mejju 2026 fl-10.00am.

Is-Seduta ġiet sospiża għal ftit minuti.

**30.10.22** Is-Sindku talbet lil Kunsillier Sciberras għal data disponibbli sabiex isir laqgħa ma Project Green dwar l-MoU ta' **Ġnien l-Iskultura**. Id-data ser tiġi diskussa via email.

**30.10.23** Is-Sindku infurmat li l-Kunsill irċieva l-MoU għal **Sidewalk Libraries 2026** (Annex 4). Il-Kunsill approva.

**30.10.24** Is-Sindku talbet l-approvazzjoni tal-Kunsilliera sabiex jiġu mixtrija **tvalji** għat-tea room għall-użu tad-Day Centre. Il-Kunsill approva.

**30.10.25** Is-Sindku infurmat li l-kunsill ħareġ t-talba għall-kwotazzjonijiet għas-servizz ta' **cleaner** għall-uffiċju iżda ħadd ma applika.

**30.10.26** Is-Sindku qrat talba mingħand **Maypole** sabiex jorganizzaw attività filantropika ġewwa Ġnien is-Serenità b'risq Richmond Foundation. Il-Kunsill qabel li l-pagament għandu jsir xorta skond il-Bye Law iżda jingħataw donazzjoni lill-Richmond Foundation. Il-Kunsill ser jiċċekkja mad-Diviżjoni tal-Gvern Lokali jekk id-donazzjoni tistax isir direttament mill-Kunsill. F'każ li dan mhux possibbli, l-Kunsill qabel li d-donazzjoni issir mill-Maypole imma bħala donazzjoni apparti.

**30.10.27** Wara li l-Kunsill bagħat korrispndenza lill-TM b'talba għal **Traffic Impact Study** dwar PA/0515/22 (l-għalqa taż-żiemel), is-Sindku nfurmat li TM irrispondew li l-Kunsill irid iqabad espert. Is-Sindku ser titlob lir-Reġjun u Kunsilli Lokali oħra dwar dan l-istudju.

**30.10.28** Wara korrispondenza mibgħuta mill-Kunsilliera Debattista dwar il-**ħaxix selvaġġ**, is-Sindku talbet l-approvazzjoni tal-Kunsill sabiex il-ħaxix ħażin jibda jinqata. Il-Kunsill approva.

**30.10.29** Il-Kunsillier Sciberras ġibed l-attenzjoni li l-Street Sweeping mhux isir skond l-iskeda. Is-Sindku talbet li l-ħaddiema li jieħdu ħsieb Ġnien is-Serenità jibdew jaħslu l-bins li jinsabu madwar il-ġnien. Is-Sindku u l-Kunsillier Sciberras qablu għall-ammont li jitħallas il-**kuntrattur** tal-ġonna, mhuwiex jagħti s-servizz mixtieq.

**30.11 Mistoqsijiet mill-Kunsilliera**

**30.11.1 Il-Kunsilliera D'Amato** staqsiet jekk tistax issir kampanja edukattiva relatata mal-indafa fil-lokalità immirata lejn it-tfal li tinvolvi tpinġija mit-tfal. Bi qbil, il-kunsilliera qablu li ssir din il-kampanja u tkun inkluża fil-Clean Up day f'Settembru. It-tpinġijiet li jibgħatu t-tfal ser isiru tabelli sabiex jitwaħħlu madwar Santa Luċija.

**30.11.2 Il-Kunsillier Sciberras** bagħat korrispondenza b'diversi mistoqsijiet. Is-Sindku infurmat li ċertu risposti ser jiġu mibgħuta permezz ta' email.
Is-Sindku infurmat li rigward il-bad debt (€60,000) ser titkellem mad-Direttur Ġenerali peress li bqajna ma smajna xejn mingħandu.
Rigward il-mozzjoni tac-CCTV is-SE infurmat li Bagħtna lil Boom Consultancy u l-Kummissarju tad-Data Protection, iżda sad-data tas-Seduta, l-Kunsill ma rċieva l-ebda informazzjoni.
Referenza għall-mistoqsija dwar il-latrina tal-Picnic Area, is-Sindku infurmat li l-Kunsill jiddeċiedi jekk hux ser tintuża skond il-ġenru jew unisex. Is-Sindku irrimarkat li mhux ser isiru pixxaturi, ħalli f'każ ta' ħsara ta' waħda mill-latrini, tista tingħalaq mingħajr problemi.
Referenza għall-mistoqsija dwar meta ser tkun lesta l-latrina ta' Dawret it-Torri, is-Sindku infurmat li l-membrane lest u l-kuntrattur ser jingħata 8 ġimgħat biex ilesti x-xogħol.

**30.12 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

Il-laqgħa ntemmet fit-7.15pm u s-seduta li jmiss ser issir nhar it-Tlieta, 26 ta’ Mejju 2026 fil-5.15pm.

Dawn il-minuti ġew ikkonfermati 26 ta’ Mejju 2026.

| | |
|---|---|
| **IFFIRMATI** | **IFFIRMATI** |
| ____________________________ | ___________________________ |
| Charmaine St John | Bernice Darmanin |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |